# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 13 ta' Marzu, 2025**

**Numru: 17**

**Rikors numru 1048/2023/1 JVC**

**L-Onorevoli Glenn Bedingfield fil-kwalità tiegħu bħala mandatarju speċjali tal-assenti Mustafa Ali**

**v.**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-mandatarju speċjali ta' Mustafa Ali minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-6 ta' Awwissu, 2024, li permezz tagħha ċaħdet it-talbiet tiegħu sabiex ikun hemm annotazzjoni jew korrezzjoni fl-isem u fil-kunjom li hemm imniżżel fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-imsemmi Mustafa Ali.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tat-12 ta' Settembru, 2023, l-Onorevoli Glenn Bedingfield bħala mandatarju speċjali ta' Mustafa Ali fisser li Mustafa Ali twieled fit-23 ta' Mejju, 1988 ġewwa Malta, fl-isptar ta' San Luqa, minn ġenituri Libjani li dak iż-żmien kienu jgħixu Malta. Isemmi li l-attur għandu kemm iċ-ċittadinanza Maltija, kif ukoll iċ-ċittadinanza Libjana.

3. L-Onorevoli Bedingfield *nomine* jsostni li għalkemm fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-mandanti tiegħu, dan jinsab imniżżel bħala Mustafa Ali, madankollu l-isem proprju tiegħu huwa dak ta' Mustafa Mohamed M Elgoaj, kif hekk jidher miċ-ċertifikat tat-twelid maħruġ mill-awtoritajiet ta' Tripli. Jgħid li dan l-isem huwa kkonfermat ukoll fuq il-passaport Libjan tiegħu.

4. Għalhekk billi ċ-ċertifikat tat-twelid Malti tal-attur ma jaqbilx mal-identità vera tiegħu, l-Onorevoli Bedingfield *nomine* talab lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *«1. Tordna li jsiru l-annotamenti meħtieġa fuq l-att tat-twelid tar-Rikorrent 'Mustafa Ali' sabiex sussegwentement ikun magħruf bl-isem propju u sħiħ tiegħu ta' Mustafa Mohamed M Elgoaj' fuq id-dokumenti maħruġa mill-Gvern Malti, ossia Karta tal-Identità u Passaport sabiex ikun evitat ħolqien ta' dubju fuq l-identità tiegħu;*
>
> *2. Tordna li l-istess korrezzjoni għandha tiġi wkoll riflessa f'kull Att ieħor ta' status ċivili maħruġ jew li jista' jinħareġ fuq ir-Rikorrent u dana a tenur*

*tal-Art.253(3) tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Bl-ispejjeż u d-Direttur Intimati minn [issa] inġunt għas-subizzjoni.»*

5. Il-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku wieġeb fil-15 ta' Diċembru, 2023 u ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

*«1. Illi preliminarjament jingħad illi trid issir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*2. Illi preliminarjament ukoll, ir-rikorrenti għandu jippreżenta prova illi huwa fil-fatt mandatarju speċjali tas-Sur Mustafa Ali f'dawn il-proċeduri;*

*3. Illi tajjeb jiġi rilevat illi dwar din it-talba ġa tressaq rikors quddiem il-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili, liema rikors ġie miċħud permezz ta' digriet datat l-ewwel (1) ta' Awissu 2023 fejn il-Qorti ċaħdet it-talba mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe proċeduri ġodda li r-rikorrenti jista' jippreżenta quddiem din l-Onorabbli Qorti, kopja tad-digriet anness u mmarkat Dok. DRP 1;*

*4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, fil-mertu l-esponent mhuwiex edott mill-fatti;*

*5. Illi mill-informazzjoni fil-poteri tal-esponent jirriżulta illi skont l-Att tat-Twelid b'numru progressiv 2513/ 1988, 'Mustafa ALI' twieled nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Mejju 1988 ġewwa Malta lil 'Mohamed Mustafa ALI' u 'Weddad wife of the said Mohamed Mustafa Ali'. Tali reġistrazzjoni saret a bażi ta' dak iddikjarat mill-missier u dan kif jirriżulta mill-istess Att tat-Twelid anness mar-rikors promotur. Għaldaqstant ċertament ma jistax jingħad li sar xi żball jew nuqqas mill-esponent;*

*6. Illi minn dak li jirriżulta fir-rikors promotur jidher illi r-rikorrenti nomine qiegħed jisħaq illi fil-fatt 'Mustafa Ali' huwa magħruf bħala 'Mustafa Mohamed M ELGOAJ' u sabiex isaħħaħ il-pożizzjoni tiegħu huwa jippreżenta ċertifikat tat-twelid Libjan tradott mill-Għarbi għall-Ingliż kif ukoll kopja tal-passaport Libjan li jindikaw illi r-rikorrent huwa fil-fatt magħruf bl-isem kif irid li jiġi mibdul, ilkoll annessi mar-rikors promotur;*

*7. Speċifikament dwar l-ewwel talba jiġi rilevat illi skont l-Artikolu 234 tal-Kap. 16, l-esponent ma jistax jirreġistra kliem imqassar u għalhekk, speċifikament dwar l-ittra "M", għandu jiġi kjarifikat permezz ta' prova minn Awtoritajiet Libjani jew l-Ambaxxata Libjana f'Malta jekk l-isem "M" huwiex verżjoni mqassra ta' isem ieħor jew le;*

*8. Di più, peress li jekk tintlaqa' t-talba kif dedotta, din se tfisser tibdil prattikament sħiħ tal-isem u l-kunjom tar-rikorrent, ir-rikorrent nomine*

*għandu jippreżenta konferma bil-miktub mill-awtoritajiet Libjani kompetenti fejn jiġi kjarifikat illi 'Mustafa Ali' detentur tal-karta tal-identità bin-numru 251388M huwa l-istess persuna detentriċi tal-passaport Libjan bin-numru AC210629;*

*9. Illi r-rikorrent nomine għandu wkoll jikkonferma kif mill-isem 'Mustafa' u l-kunjom 'ALI', ir-rikorrenti ġie indikat bl-isem 'Mostafa Mohamed M' u bil-kunjom 'ELGOAJ' ġewwa l-Libja u dana sabiex din l-Onorabbli Qorti jkollha stampa ċara tal-fatti;*

*10. Illi kemm-il darba tkun sejra tintlaqa' l-ewwel talba, għandu jiġi speċifikat illi l-Att tat-Twelid tar-rikorrent għandu n-numru progressiv 2513/1988 stante illi din ma ġietx speċifikata fit-talba. Illi in oltre, tajjeb jingħad illi l-esponent ma jistax jagħmel tibdil fl-isem kif rifless fil-Karta tal-Identità jew Passaport iżda limitatament fl-Att fil-poteri tiegħu. Illi sussegwentement għat-tibdil fl-Att tat-Twelid kemm-il darba l-ewwel talba tintlaqa', ir-rikorrent nomine jkun jista' jagħmel it-tibdiliet relattivi fuq l-istess dokumentazzjoni uffiċjali hekk indikata fl-ewwel talba;*

*11. Illi dwar it-tieni talba, sabiex it-tibdil fl-isem jiġi rifless f'Atti ta' Stat Ċivili oħrajn, tali Atti għandhom jiġu speċifikati bin-numru progressiv u s-sena ta' kull wieħed, jekk dejjem hemm u għalhekk ir-rikorrent nomine għandu jippreżenta nota f'dan is-sens;*

*12. Illi finalment, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ u kif spjegat aktar qabel, l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas tal-esponent u għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;*

*13. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.»*

6. B'sentenza mogħtija fis-6 ta' Awwissu, 2024, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talbiet tal-attur għar-raġunijiet li fissrithom hekk:

*«Illi permezz tal-kawża odjerna r-rikorrent, kif aħjar espost fir-rikors ġuramentat tiegħu, jitlob li din il-Qorti tawtorizza bdil sostanzjali kemm fl-isem kif ukoll fil-kunjom tiegħu minn kif indikat fiċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu għal dak li huwa jsostni li huwa magħruf bih u ċjoè minn 'Mustafa Ali' għal 'Mustafa Mohammed [recte Mohamed] M Elgoaj';*

*Id-Direttur intimat iressaq bosta eċċezzjonijiet kif suespost.*

*Fil-mertu l-Qorti rat iċ-ċertifikat tat-twelid tal-intimat esibit a fol. 4 tal-proċess minn fejn jidher li missier l-intimat huwa indikat bl-isem ta' Mohamed Mustafa Ali. Omm ir-rikorrent tidher indikata bħala 'Weddad wife of the said Mohamed Mustafa Ali'.*

*Rat iċ-ċertifikat tat-twelid li għalih issir referenza fir-rikors ġuramentat maħruġ mill-awtoritajiet Libjani u t-traduzzjoni tiegħu a fol. 5 u 6 tal-proċess f'liema ċertifikat ir-rikorrent huwa muri bl-isem Mostafa Mohamed M u l-kunjom Elgoaj filwaqt li missieru huwa muri bħala Mohamed bil-kunjom Elgoaj.*

*Rat il-kopja tal-passaport Libjan tar-rikorrent a fol. 7 tal-proċess li wkoll turih bl-isem 'Mostafa Mohamed M' u l-kunjom 'Elgoaj' filwaqt li bħala data tat-twelid u l-lok tat-twelid dawn jaqblu maċ-ċertifikat tat-twelid Malti.*

*Rat il-kopja tad-deċiżjoni tal-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili li ċaħdet it-talba tar-rikorrent a fol. 13 tal-proċess.*

*Rat li fl-istess deċiżjoni jingħad li t-talba ġiet miċħuda bla preġudizzju għal kwalunkwe rikors ieħor li jista' jsir mir-rikorrent għalhekk l-eċċezzjoni tal-intimat fir-rigward mhijiex ġustifikata u ser tiġi miċħuda.*

*Rat il-kopja tal-prokura li tawtorizza lir-rikorrent jippreżenta l-proċeduri odjerni b'dana li anki l-eċċezzjoni f'dan ir-rigward imqajma mid-Direttur intimat hija sorvolata.*

*Rat l-affidavit tar-rikorrent a fol. 19 tal-proċess li jaqra kif isegwi:*

> *«i. Ngħid illi jiena kont tajt struzzjonijiet lill-Onorevoli Glenn Bedingfield sabiex dan ikun jista' jirrapreżentani f'kawża li jiena ridt inressaq ġewwa Malta u dana sabiex fl-Att tat-Twelid tiegħi, li jiena ġia ressaq [sic!] f'din il-kawża (Dok. A), ismi jinbidel minn 'Mustafa Ali' għal 'Mustafa Mohammed [recte Mohamed] M Elgoaj';*
>
> *ii. Ngħid illi jien dan għamiltu minħabba l-fatt illi jiena ngħix ġewwa l-Libja u niġi Malta għal xi ftit jiem matul is-sena;*
>
> *iii. Illi l-Onorevoli Bedingfield aċċetta dan, u fil-fatt, qabbad lill-Avukat Edward Zammit Lewis sabiex iressaq din il-kawża;*
>
> *iv. Ngħid illi jiena dan it-tibdil irrid nagħmlu għaliex, kemm fil-Libja, u kemm barra mil-Libja, jiena kap ta' kumpanija li taħdem fil-qasam tal-electricians u jiena kont magħruf dejjem bhala 'Mustafa Mohammed [recte Mohamed] M Elgoaj';*
>
> *v. Ngħid illi jiena ntbaħt b'dan wara li ġie rregistrat l-Att tat-Twelid ġewwa Malta u meta kbirt;*
>
> *vi. Ngħid illi jien illum għandi ħamsa u tletin [35] sena u minn dejjem ridt inbiddel dak li hemm fl-Att tat-Twelid (Dok. A) u dana sabiex jiena ma jkollix taħwid fid-dokumenti uffiċjali tiegħi;*
>
> *vii. Ngħid illi, apparti minn hekk, jien irrid illi ismi u kunjomi jkunu korretti u kif suppost u kif ukoll, kif jiena magħruf man-nies u fix-xogħol tiegħi.*
>
> *viii. Ngħid illi, jiena nikkonferma li jiena l-istess persuna illi qed niġi indikat bħala 'Mustafa Ali' bil-Karta tal-Identità bin-numru 251388M u li għandi l-Passaport Libjan bin-numru AC210629.*

*ix. Ngħid illi, minħabba s-sitwazzjoni fil-Libja, li hija ben magħrufa, jiena ma nistax inġib konferma ta' dan.*

*x. Ngħid illi, l-ittra 'M' f'ismi qiegħda hemm għaliex hija parti minn ismi hekk kif inhi. Din dejjem kienet hekk, hekk kif jindika l-istess passaport Libjan esibit mal-kawża tiegħi (Dok. D).*

*xi. Ngħid illi, għalkemm jiena ma tantx naf sew bil-Malti, din id-dikjarazzjoni għamiltha wara li l-Malti li ktibt ġie spjegat lili minn sieħbi li kien miegħi, li jismu Muhammed Ziada, li għandu l-Karta tal-Identità 234919L, u li jaf kemm bil-lingwa Maltija u kemm bil-lingwa Għarbija.»*

*Rat l-affidavit ta' Majdi Zarmuh a fol. 24 li jixhed kif isegwi:*

*«1. I have been living together with my family in Malta for the last year.*

*2 I work as an instructor at the Libyan Higher Institute in Ta' Ġiorni.*

*3 I have known Mustafa Mohamed M Elgoaj for the last quarter of a century. I also know his family in general, that is, his mother, his brother and sister, his two uncles (one of whom has passed away), and his father.*

*4 I have always known Mustafa Mohamed M Elgoaj by precisely this name.*

*5 I may further add that the word 'Ali' was never part of the name Mustafa Mohamed M Elgoaj.»*

*Rat l-affidavit ta' Huwida A Megrrawi esibit a fol. 25 tal-process li jaqra kif isegwi:*

*«1. I have been living together with my family in Malta for the last year.*

*2. My husband Majdi Zarmuh works in Malta as an instructor at the Libyan Higher Institute in Ta' Giorni.*

*3. I am a housewife.*

*4. I have known Mustafa Mohamed M Elgoaj and his all of his family since birth, and this because we are related through blood.*

*5. I have always known 'Mustafa Mohamed M Elgoaj" by precisely this name.*

*6. Mustafa Mohamed M Elgoaj is related to me. His father Mohamed Mustafa Elgoaj is my uncle, that is my mother's brother.*

*7. I may add that the word 'Ali' has nothing to do with our client Mustafa Mohamed M Elgoaj, but it is the name of his great-grand father.»*

*Ikkunsidrat ulterjorment:*

*Illi l-Qorti rat li fl-atti r-rikorrent itendi sabiex iressaq żewġ linji ta'*

*ġustifikazzjoni għal dak li qed jitlob. F'partijiet minnhom isostni li huwa minn dejjem kien magħruf bl-isem u l-kunjom indikati minnu bħala 'Mustafa Mohamed M Elgoaj' u mhux 'Mustafa Ali' u għalhekk qed jitlob il-bidla fl-isem fuq din il-bażi. F'partijiet oħra tal-provi tingħata indikazzjoni li anki missier ir-rikorrent ma kienx kunjomu Ali iżda kien kunjomu 'Elgoaj'. Jiġi iżda sostnut mix-xhieda mressqa mill-istess rikorrent li l-kunjom 'Ali' huwa kunjom in-nannu patern tar-rikorrent. Fil-fatt dan huwa indikat ukoll ċar fiċ-ċertifikat tat-twelid li tiegħu qed tintalab il-korrezzjoni.*

*Illi l-Qorti rat li għalkemm ir-rikorrent sostna li kien diffiċli għalih sabiex igib dokumentazzjoni mil-Libja biex jissostanzja dak allegat minnu, din il-Qorti ssibha diffiċli sabiex temmen li r-rikorrent ma setax almenu jressaq xi prova dokumentarja li missieru kien kunjomu 'Elgoaj' u mhux 'Ali' kif indikat fiċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu, jekk mhux b'dokumentazzjoni uffiċjali almenu dokumentazzjoni użata minn missieru tul iż-żmien. Din il-Qorti wkoll ma tistax tifhem kif missier ir-rikorrent li jidher li hemm qbil li kellu missieru kunjomu 'Ali' spiċċa kunjomu 'Elgoaj'. Dwar dan ukoll ma tressqet l-ebda prova konkreta.*

*Illi din il-Qorti mhijiex konvinta mill-provi mressqa fl-atti li r-rikorrent verament huwa magħruf bl-isem indikat minnu wisq anqas hija konvinta li kien hemm xi żball fiċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu u li għandu jiġi korrett anki għaliex l-isem u l-kunjom indikati kif għandhom jiġu korretti huwa ferm differenti. In oltre, il-Qorti ma rat imkien xi dokument li juri d-derivazzjoni tal-kunjom 'Elgoaj'.*

*Illi din il-Qorti għandha dubji serji dwar ir-raġuni vera għalfejn qed tintalab il-bidla f'isem u l-kunjom tar-rikorrent u in vista tan-nuqqas ta' provi aktar konkreti, tqis li t-talbiet tar-rikorrenti ma ġewx suffiċjentement ippruvati sal-grad rikjest mil-liġi u ser tgħaddi sabiex tiċħad l-istess.*

*Deċiżjoni:*

*Għaldaqstant għar-ragunijiet kollha suesposti u fuq nuqqas ta' provi l-Qorti tgħaddi sabiex tilqa' r-risposta tal-intimat Direttur sakemm din hija kompatibbli ma' dak hawn deċiż u tgħaddi sabiex tiċħad it-talbiet tar-rikorrent.*

*Bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrent.»*

7. L-Onorevoli Glenn Bedingfield *nomine* appella minn din is-sentenza b'rikors tat-23 ta' Awwissu, 2024 u talab għat-tħassir kollha tagħha. It-tliet aggravji tiegħu jistgħu jinġabru hekk: (i) li huwa ressaq biżżejjed provi matul il-kawża, li ma ġewx meruti mid-Direttur tar-Reġistru

Pubbliku, li juru li l-attur huwa Mustafa Mohamed M Elgoaj; (ii) li hu rnexxilu jikseb dokumenti ġodda wara l-għoti tas-sentenza tal-Ewwel Qorti, liema dokumenti ġew mehmuża mar-rikors tal-appell, li skontu jsostnu t-talbiet tiegħu; u (iii) li huwa għandu raġuni tajba biex ibiddel kunjomu ħalli b'hekk ma jkollux taħwid bejn iċ-ċertifikati Maltin u ċ-ċertifikati Libjani.

8. Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku wieġeb għal dan l-appell fl-20 ta' Settembru, 2024 u ta r-raġunijiet tiegħu għala l-appell għandu jiġi miċħud.

9. Fil-21 ta' Novembru, 2024, id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ressaq rikors li bih talab lil din il-Qorti sabiex tneħħi ż-żewġ dokumenti ġodda li ġew mehmuża mar-rikors tal-appell.

10. L-Onorevoli Bedingfield *nomine* oġġezzjona għal dan ir-rikors bi tweġiba tad-19 ta' Diċembru, 2024.

11. B'digriet mogħti fis-7 ta' Jannar, 2025, din il-Qorti ordnat li jitneħħew iż-żewġ dokumenti ġodda li ġew mehmuża mar-rikors tal-appell minħabba li dawn ġew imressqa bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-**Artikolu 145 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

12. Inżamm smigħ fis-6 ta' Frar, 2025 u dakinhar ġie vverbalizzat dan

li ġej:

> *«Dr Zammit Lewis għall-appellant nomine jirrileva li kemm l-azzjoni tiegħu u kif ukoll l-appell hekk kif intavolat jikkonċernaw talba għal annotazzjoni u mhux korrezzjoni. Għalhekk huwa qiegħed jippreċiża li f'din il-kawża huwa qiegħed jitlob biex fl-Att tat-Twelid tad-9 ta' Ġunju, 1988, wara l-isem "Mustafa Ali" jiġu inklużi l-kliem "li huwa magħruf ukoll bħala Mustafa Mohamed M Elgoaj."*
>
> *L-avukat għad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ma joġġezzjonax li jkun hemm din l-annotazzjoni. Barra minn hekk huwa jirtira wkoll l-oġġezzjoni li kellu għad-dokumenti annessi mar-rikors tal-appell. B'danakollu m'għandux ibati spejjeż.*
>
> *Il-Qorti in vista ta' dawn id-dikjarazzjonijiet qiegħda tirrevoka contrario imperio d-digriet tas-7 ta' Jannar, 2025 u tordna li d-dokumenti sfilzati jitqiegħdu wara [recte: lura] fl-atti tal-kawża ladarba m'hemmx aktar oġġezzjoni dwarhom mill-konvenut.»*

13. Wara li saru dawn id-dikjarazzjonijiet l-appell tħalla biex tingħata s-sentenza llum.

## Konsiderazzjonijiet

14. Kif ġie spjegat dan l-aħħar minn din il-Qorti fis-sentenza ***Lorenza sive Lora Cascun v. Direttur tar-Registru Pubbliku*** deċiża fid-9 ta' Mejju, 2024 il-liġi tagħna tagħmel distinzjoni bejn talba ġudizzjarja biex wieħed jikkoreġi xi att tal-istat ċivili tiegħu (**Artikolu 253(1) tal-Kodiċi Ċivili**) u azzjoni ġudizzjarja biex wieħed jirreġistra l-isem li huwa magħruf bih ma' kulħadd minflok l-isem li jidher fl-att tat-twelid tiegħu (**Artikolu 253(2) tal-Kodiċi Ċivili**).

15. Id-differenza ewlenija bejn iż-żewġ azzjonijiet hija li fil-każ ta' azzjoni għall-korrezzjoni taħt l-**Artikolu 253(1)** hemm bżonn li wieħed juri li seħħ żball meta ġie reġistrat l-att tal-istat ċivili tal-individwu inkwistjoni (ara ***Marcus Marshall nomine v. Direttur tar-Reġistru Pubbliku*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Mejju, 2006), filwaqt li fil-każ ta' azzjoni għall-bdil tal-isem taħt l-**Artikolu 253(2)**, il-leġislatur ma riedx li jintwera li jkun sar żball mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jew li kien hemm xi nuqqas ta' ftehim bejn min mar jirreġistra t-twelid u min ikun niżżel it-tagħrif, iżda dak li jkun, irid juri biss għas-sodisfazzjon tal-Qorti li l-persuna kienet, għal ċertu tul ta' żmien, magħrufa b'mod konsistenti minn kulħadd bl-isem li qiegħed jintalab li jidħol minflok l-isem mogħti (ara ***Albert Gatt et v. Direttur tar-Reġistru Pubbliku*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Diċembru, 2001).

16. Lura għall-każ tagħna, l-avukat tal-appellant *nomine* ppreċiża fis-seduta tas-6 ta' Frar, 2025, li f'din il-kawża huwa ma kienx qiegħed ifittex li jikseb korrezzjoni fl-att ta' twelid ta' Mustafa Ali iżda kien qiegħed ifittex biss li f'dan l-att tat-twelid titniżżel annotazzjoni li tgħid li Mustafa Ali huwa magħruf ukoll bħala Mustafa Mohamed M Elgoaj. Din il-preċiżazzjoni kienet meħtieġa minħabba l-mod ta' kif ġew imfassla ż-żewġ talbiet tar-rikors maħluf. Dan għaliex filli fl-ewwel talba kien qiegħed jintalab li ssir annotazzjoni fl-att tat-twelid li tgħid li Mustafa Ali huwa magħruf bħala Mustafa Mohamed M Elgoaj u filli fit-tieni talba kien qiegħed jintalab li

għandu jkun hemm korrezzjoni fl-atti l-oħra tal-istat ċivili.

17. Din l-ambigwità li forsi seta' kien hemm fir-rikors maħluf issa ġiet imneħħija għalkollox bid-dikjarazzjoni magħmula fis-seduta tas-6 ta' Frar, 2025 fejn l-attur *nomine* qal li hu mhuwiex qiegħed ifittex li ssir korrezzjoni fl-att tat-twelid. Jiġi b'hekk, li l-attur *nomine* mhuwiex qiegħed jitlob li għandu jkun hemm bidla fl-att tat-twelid sabiex minflok «*Mustafa Ali*» jidħol «*Mustafa Mohamed M Elgoaj.*» Dan ifisser ukoll li l-attur *nomine* qiegħed jeskludi l-użu tal-azzjoni msemmija fl-**Artikolu 253(1) tal-Kodiċi Ċivili** li titkellem dwar korrezzjoni fl-atti tal-istat ċivili.

18. L-attur *nomine* iżda lanqas ma jista' jinqeda bl-azzjoni msemmija fl-**Artikolu 253(2) tal-Kodiċi Ċivili** għaliex din id-dispożizzjoni tippermetti biss bdil fl-isem tal-persuna li jidher fuq iċ-ċertifikat tat-twelid għal dak li bih l-istess persuna tkun konsistentement imsejħa u mhux ukoll bdil fil-kunjom ta' dik il-persuna (ara ***Julia Manduca et v. Direttur tar-Reġistru Pubbliku*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Mejju, 2016).

19. Il-fatt iżda li fil-liġi tagħna ma hemmx dispożizzjoni bħall-**Artikolu 253(2) tal-Kodiċi Ċivili** li biha wieħed ikun jista' jibdel kunjomu, ma jfissirx b'daqshekk li persuna li tkun magħrufa b'kunjom differenti minn dak li jkun joħroġ mill-att tat-twelid tiegħu, ma tista' tagħmel xejn biex tevita konfużjoni fl-identifikazzjoni tagħha.

20. F'dan ir-rigward bit-tħaddim tal-prinċipju tal-attiviżmu ġudizzjarju, il-qrati tagħna ppermettew li meta persuna tipprova li hija tkun magħrufa b'kunjom differenti minn dak li jista' jinstilet mill-att ta' twelid tagħha, allura huwa possibli li tiddaħħal annotazzjoni fl-att tat-twelid li tgħid li dik il-persuna hija magħrufa wkoll b'kunjom ieħor (ara ***Frank Yeatman v. Direttur tar-Reġistru Pubbliku*** deċiża mill-Qorti tal-Apppell fis-27 ta' Mejju, 2016 u ***John Zammit magħruf bħala John Edward Zammit Pace v. Direttur tar-Reġistru Pubbliku*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Marzu, 1994).

21. Ġie mfisser fil-ġurisprudenza tagħna li għalkemm il-liġi tagħna ma tqisx iż-żieda jew il-bdil ta' kunjom bħala żball, madankollu wieħed ma jistax jinjora għalkollox talba bħal din, speċjalment fejn il-kunjom ikun inbidel taħt xi sistema jew ordinament ġuridiku ieħor (ara ***L-Avukat Dr Ramona Azzopardi nomine v. Direttur tar-Registru Pubbliku*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Frar, 2021). Għalhekk sabiex tiġi evitata l-konfużjoni li tista' tinħoloq mill-fatt illi l-istess individwu jkun uffiċjalment magħruf b'żewġ kunjomijiet differenti, il-qrati tagħna aċċettaw fl-aħjar interess kemm tal-istess individwu u kif ukoll tal-pubbliku ġenerali, li jħallu li jkun hemm annotazzjonijiet fl-att tat-twelid (ara ***L-Avukat Dottor Andrew Sciortino noe v. Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Lulju, 2020, ***Edward John A. Bailey v.***

***Direttur tar-Reġistru Pubbliku*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-21 ta' Novembru, 2019, ***Av. Rodianne Sciberras noe v. Direttur tar-Reġistru Pubbliku*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Lulju, 2019, ***Maria Courtney Benner v. Direttur tar-Reġistru Pubbliku*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Diċembru, 2018 u ***McLean gia Abdillah v. Cremona nomine*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta' Ottubru, 1930).

22. Illi għalhekk huwa possibbli li ssir talba għall-annotazzjoni fl-att tat-twelid fuq il-bażi ta' tagħrif iżjed sħiħ dwar il-persuna. Bl-annotazzjoni l-Att tat-Twelid ma jiġix korrett u b'hekk kwalunkwe dritt jew pretensjoni li għandhom terzi persuni żgur se jkunu mħarsin. Li jiġri bl-annotazzjoni huwa biss li fuq il-ġenb tal-att tat-twelid, sewwasew fl-ispazju riżervat għall-annotazzjonijiet, jiġi mniżżel li persuna hija magħrufa wkoll b'kunjom differenti.

23. Hekk jidher li jixtieq li jikseb l-appellant *nomine* bis-saħħa ta' din il-kawża, hekk kif ġie ppreċiżat fis-seduta tas-6 ta' Frar, 2025, *viz*. li fl-att tat-twelid ikun hemm annotazzjoni li tgħid li Mustafa Alli huwa magħruf ukoll bħala Mustafa Mohamed M Elgoaj.

24. Naturalment biex tintlaqa' talba bħal din, l-appellant *nomine* jeħtieġlu jipprova li Mustafa Ali tabilħaqq huwa magħruf bħala Mustafa

Mohamed M Elgoaj.

25. L-Ewwel Qorti qalet li hi ma kinitx konvinta li dan ġie pruvat. Din il-Qorti però ma tistax taqbel magħha għaliex tqis li fl-atti ta' din il-kawża tressqu biżżejjed provi li juru li Mustafa Ali huwa tabilħaqq magħruf ukoll bħala Mustafa Mohamed M Elgoaj. Dan joħroġ mhux biss mill-fatt li huwa għandu f'idejh ċertifikat tat-twelid Libjan (ara paġni 5 u 6 tal-atti tal-kawża) u passaport Libjan (ara paġna 7 tal-atti tal-kawża) li fihom huwa jinsab identifikat bħala Mustafa Mohamed M Elgoaj li twieled fl-istess post u data bħalma hemm imniżżel fl-att tat-twelid Malti ta' Mustafa Ali, iżda anke mill-affidavits ta' Majdi Zarmuh (ara paġna 24 tal-atti tal-kawża) u ta' Huwida A. Megrrawi (ara paġna 25 tal-atti tal-kawża) li stqarrew bil-ġurament tagħhom li huma minn dejjem jafuh bħala Mustafa Mohamed M Elgoaj. Ta' min jgħid li fl-istadju tal-appell l-appellant *nomine* ressaq ukoll iċ-ċertifikat tat-twelid tal-missier li jseddaq dak li l-attur xehed fl-affidavit tiegħu.

26. Fuq kollox illum jidher mill-verbal tas-6 ta' Frar, 2025, li d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku mhux qed joġġezzjona li għandu jkun hemm annotazzjoni fl-att tat-twelid Malti ta' Mustafa Ali, basta li huwa m'għandux ibati l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri. Din il-Qorti qed tifhem għalhekk li b'din id-dikjarazzjoni d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ġie li qed jirtira l-oġġezzjonijiet tiegħu li kienu tressqu fir-risposta maħlufa u fir-risposta tal-

appell tiegħu.

27. Din il-Qorti għalhekk sejra tilqa' l-appell tal-attur *nomine* u tilqa' t-talbiet tiegħu sa fejn dawn iridu li għandha tiddaħħal annotazzjoni fl-att ta' twelid li tgħid li Mustafa Ali huwa magħruf ukoll bħala Mustafa Mohamed M Elgoaj.

28. L-appellant *nomine* ma indika l-ebda att tal-istat ċivili ieħor fejn għandha ssir din l-annotazzjoni. Għalhekk din l-ordni tal-annotazzjoni sejra tkun limitata biss għall-att tat-twelid ta' Mustafa Ali. Però dan m'għandux jinftiehem li din il-Qorti qiegħda żżomm lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku milli jagħmel l-istess annotazzjoni f'atti tal-istat ċivili oħra li jappartjenu lil Mustafa Ali.

29. Din il-Qorti tagħlaq billi tgħid li huwa xieraq li l-ispejjeż kollha marbuta ma' dawn il-proċeduri jitħallsu mill-attur *nomine* ladarba din il-kawża ma nfetħitx frott ta' xi żball jew nuqqas tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **tilqa'** l-appell imressaq mill-Onorevoli Glenn Bedingfield *nomine* u b'hekk

qiegħda tħassar is-sentenza appellata u minflok: (i) tilqa' l-ewwel talba miġjuba fir-rikors maħluf u tordna li fl-att tat-twelid ta' Mustafa Ali titniżżel annotazzjoni li tgħid li Mustafa Ali huwa magħruf ukoll bħala Mustafa Mohamed M Elgoaj; u (ii) tiċħad it-tieni talba għaliex ma ġiex indikat att ieħor tal-istat ċivili ta' Mustafa Ali li fih jeħtieġ li ssir l-istess annotazzjoni, bir-riżerva però ta' dak li jissemma f'paragrafu 28 ta' din is-sentenza.

Fl-aħħar nett tordna li l-ispejjeż ġudizzjarji marbuta mas-sentenza tal-ewwel grad u mas-sentenza tal-appell għandhom jitħallsu minn Mustafa Ali li huwa magħruf ukoll bħala Mustafa Mohamed M Elgoaj. Dawn l-ispejjeż jistgħu jinġabru wkoll mingħand l-Onorevoli Glenn Bedingfield bħala l-mandatarju maħtur mill-attur skont l-**Artikolu 1005 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss